MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2007

Numru 991/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**vs**

**Alfred Calamatta**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Alfred Calamatta** ta' 67 sena, bin il-mejjet John u Angela *nee'* Spiteri, mwieled Gzira fl-10 t'April, 1938, residenti 5, 'San Guzepp, Triq Hal Far, Zurrieq, u detentur tal-karta tal-identita, numru 321138M;

Talli fit-22 ta’ Marzu, 2002, u fil-11 ta’ Gunju, 2002, u fil-gimghat ta’ wara, wara li b’ordni tal-Qorti Kriminali tat-12 ta’ Marzu, 2002 ai termini tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta’ Malta gejt ordnat tipproduci jew taghti access ghal materjal kif provdut fl-artikolu 4 (1) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta’ Malta, minghajr raguni valida volontarjament inqast jew irrifjutajt li tobdi dak l-ordni ta’ investigazzjoni, jew li volontarjament impedixxejt jew ostakolajt xi tfittxija ghal dak il-materjal, ai termini tal-artikolu 4(5) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjenetement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt taghrif falz bi ksur tal-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali Kap 9;

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni spjegat lil din il-Qorti kif id-ditta Calamatta, Cuschieri & Co kienet inghatat kopja ta’ ordni ta’ investigazzjoni mahruga mill-Qorti Kriminali kontra diversi persuni sabiex din taghti kull informazzjoni li jista’ jkollha kontra il-persuna indagata li kienet foreign exchange dealer. Meta l-imputat kien wiegeb ghall-ittra tal-Pulizija huwa kien qal li ma kien hemm l-ebda relazzjoni mal-persuna indagata hlief meta jkollhom bzonn jixtru munita barranija. Fil-kors tal-indagini tal-persuna indagata kien sar raid fir-residenza taghha u hemm instabu diversi dokumenti fosthom share certificates mahruga f’isem l-indagat u martu u dawn kienu inxtraw minn Calamatta Cuschieri & Co u

hemmhekk il-Pulizija deherilha illi t-twegiba precedenti tal-imputat ma kienitx wahda korretta.

Il-Pulizija kienet ghalhekk ghamlet tfittxija ghand Calamatta, Cuschieri & Co fejn kien instab xi file bl-isem tal-indagat li kien maqtugh u isem martu miktub fuq il-file.

L-ordni ta' investigazzjoni mahruga mill-Qorti Kriminali fit-12 ta' Marzu, 2002, Dok PV4 a fol 25) tezigi illi s-socjetajiet hemm imsemmija, fosthom Calamatta Cuschieri Co Ltd, " ***juru w jaghtu access*** ghall-propjeta', flejjes, kontijiet u/jew *safety deposit boxes* u ghall-materjal fuq deskritt lill-Ispettur tal-Pulizija Paul Vassallo, cioe' materjal konsistenti fi flejjes, fi propjeta', f'kontijiet, fi flejjes ohra depozitati fl-istess kontijiet u/jew *safety deposit boxes* u f'materjal jew f'oggetti depozitati fl-istess kontijiet u/jew *safety deposit boxes* li huma registrati fuq il-persuni fuq indikati ***jew f'isem jew ghan-nom ta' persuni ohra izda gestiti mill-persuni fuq indikati jew li taghhom il-persuni fuq indikati huma firmatarji,*** kif ukoll korrispondenza w dokumentazzjoni relattiva ghall-istess flejjes, kontijiet u propjeta', mobbli u/jew immobbli, u ghall-operazzjonijiet in konnessjoni ma' l-istess propjeta', kontijiet u/jew *safety deposit boxes*, inkluz kull dokumentazzjoni dwar l-identita' tal-persuni (legali u/jew naturali) li b'xi mod kellhom xi konnessjoni dwar il-gestjoni tal-istess propjeta', kontijiet u/jew *safety deposit boxes*, jew li ddepozitaw jew ghamlu pagamenti fl-istess kontijiet li kellhom, jew kellhom xi konnessjoni ma' l-operazzjonijiet li saru fuq il-flejjes, fuq il-propjeta', fuq il-kontijiet u/jew fuq is-*safety deposit boxes* imsemmija, inkluzi persuni (legali u/jew naturali) li setghu bbenefikaw minn hlasijiet jew minn transazzjonijiet u trasferimenti li setghu saru mill-istess flejjes, mill-kontijiet u/jew mis-*safety deposit boxes* jew minn l-istess propjeta', liema materjal x'aktarx ikun ta' siwi sostanzjali kemm wahdu kif ukoll flimkien ma' materjal iehor ghall-investigazzjoni w in konnessjoni mal-persuni suspettati fuq imsemmija."

Il-prosekuzzjoni esebiet bhala Dok PV2 u PV3 zewg ittri ffirmati mill-imputat li kienu twegiba ghat-talba tal-Pulizija biex dan jaghmel dak ordnat mill-Qorti Kriminali skond id-

Dok PV4. Peress illi l-ewwel ittra kienet twegiba dwar diversi persuni, il-prosekuzzjoni kienet talbet risposta ohra limitata ghall-indagat in kwistjoni u ghalhekk inharget l-ittra Dok PV3.

Id-Dok PV2 jghid hekk:

“ .... [*isem obliterat mill-Qorti*] had a business relationship with our firm in his capacity as an Authorised Dealer. [*isem indagat iehor*] was a client of ours for some time and all his dealings have been reported to the M.F.S.C., the Central Bank and the Courts during a previous case two years ago. He is no longer a client of ours.”

Fl-ittra Dok PV3 l-imputat tghid hekk:

“As I explained to your colleague we have used the services of [*isem obliterat mill-Qorti*] for our Foreign Exchange needs. After obtaining a Form 01 from our clients we used to fax these form to Mr. [...] who would in turn deliver to us Drafts in the foreign currency requested against payment by us. We do not keep specific records of transactions carried out between us since each transaction is completed immediately. However we do know that Mr. [....] keeps detailed records of all such transactions.

“Mr. [*isem indagat iehor ukoll obliterat*] - I am enclosing a print out from our computer records, which shows all the transactions carried out by us on his behalf. This covers the period of 13 November 1998 to 14 September 2000. The last transaction was carried out in March of this year leaving a disputed amount due to us. Transactions were paid by Sterling cheques by Mr. [....] and by ourselves when settling sales.

“Details of each cheque given to us by Mr. [...] were passed on to Inspector Martin Sammut on the 20 March 2000 and 28 November 2000.”

L-imputat spjega lil din il-Qorti illi huwa konsulent finanzjarju u stock broker. Huwa qal li malli ircieva l-ordni tal-Qorti Kriminali, ghamel search fuq il-computer tad-ditta, ma tela xejn fuq l-ewwel indagat izda tela l-isem tat-tieni indagat u baghat kull ma kellu fuqu lill-Pulizija kif rikjest. Ghalhekk l-ewwel indagat ma kellu l-ebda investimenti mad-ditta u hekk informa lill-Pulizija. Huwa qal li jkollu diversi talbiet bhal dik in dizamina u ma jistax jaghmel ezami aktar ipprofondit minn hekk. Il-fatt illi il-file tal-indagat instab fil-kamra ta' fuq jispjega ruhu billi dak kien qieghed ghal-filing bhala dormant file.

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, il-prosekuzzjoni kellha tipprova li l-imputat ma obdiex l-ordni tal-Qorti Kriminali meta naqas juri li l-indagat xi darba kien klijent tal-ufficcju. Bid-dovut rigward, jidher li l-prosekuzzjoni marret barra mil-konfini moghtija lilha tramite l-ordni tal-Qorti Kriminali fejn hemm imnizzel illi is-socjeta' gestita mill-imputat u socjetatjiet ohra, kellhom "juru w jaghtu access", u dan billi talbet ghall-informazzjoni permezz ta' ittra minflok li accediet hi stess biex tara x'dokumenti jista' jkollu l-imputat dwar l-indagat. Il-prosekuzzjoni stess xehdet illi inghatat access liberu ghall-files tal-kumpanijia lill-membri tal-Pulizija inkluz lill-Forensic Accountants Irlandizi. L-access kien wiehed liberu tant li instab file b'isem l-indagat fuqu li kien maqtuh u sostiwit b'isem martu fuq struzzjonijiet tal-istess indagat fil-passat liema file kien dormant. Il-Qorti ma tistax tifhem kif l-imputat spicca akkuzat b'rejat ta' din il-portata tant serja biex imbaghad ibbazat il-kaz taghha fuq ix-xhieda ta' persuna wahda dwar kaz li jirrigwarda file li mhux esebit in atti.

Il-Qorti hi konvinta illi l-imputat ghamel dak mitlub mill-Qorti Kriminali meta irrisponda li l-indagat ma kellu l-ebda investiment registrat maghhom. Fl-ewwel akkuza l-imputat huwa addebit bir-rejat li irrifjuta li jipproduci jew jaghti access meta l-ordni tal-Qorti kienet specifikat li hu kellu juri u jaghti access u dawn iz-zewg azzjonijiet huma ben diversi minn xulxin. Il-prosekuzzjoni qatt ma setghet, tramite ittra titlob lill-imputat jipproduci l-materjal jekk ma

kienietx hekk awtorizzata mill-Qorti Kriminali. Fit-tieni akkuza, l-prosekuzzjoni htiegilha turi li l-imputat arreka xi vantagg lilu jew lill-haddiehor meta ghamel xi dikjarazzjoni jew stqarrija falza. Din l-akkuza hija strettament marbuta mal-ewwel wahda fejn l-imputat gia spjega illi huwa informa lill-Pulizija b'did-data li kellu fuq il-computer meta ma kienx anqas obligat li jaghmel. Fi kwalunkwe kaz il-vantagg ma kienx pruvat mill-prosekuzzjoni;

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma illi l-imputat ma ghandux jinstab hati tar-rejati kif dedotti kontra tieghu. Ghal dawn il-
mottivi ma ssibux hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------